IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.3.2020
COM(2020) 74 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati kkonferita lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/2203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati ma' kaseini u kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati kkonferita lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/2203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati ma' kaseini u kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE

Kontenut

1. ID-DIRETTIVA (UE) 2015/2203 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAL-25 TA' NOVEMBRU 2015 DWAR L-APPROSSIMAZZJONI TAL-LIĠIJIET TAL-ISTATI MEMBRI RELATATI MA' KASEINI U KASEINATI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM U LI TĦASSAR ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 83/41/KEE 1

1.1. Introduzzjoni 1

1.2. Bażi ġuridika 2

1.3. Eżerċizzju tad-Delega 2

1.4. Konklużjonijiet 2

1. ID-DIRETTIVA (UE) 2015/2203 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAL-25 TA' NOVEMBRU 2015 DWAR L-APPROSSIMAZZJONI TAL-LIĠIJIET TAL-ISTATI MEMBRI RELATATI MA' KASEINI U KASEINATI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM U LI TĦASSAR ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 83/417/KEE

1.1. Introduzzjoni

Id-Direttiva (UE) 2015/2203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] tipprovdi għall-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fuq il-kaseini u l-kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq intern filwaqt li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa.

L-Artikolu 5 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda l-istandards stabbiliti fl-Annessi I u II sabiex jitqiesu l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti u l-progress tekniku.

[1] Id-Direttiva (UE) 2015/2203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati ma' kaseini u kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE (ĠU L 314, 1.12.2015, p. 1).

1.2. Bażi ġuridika

Ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 6(2). Skont din id-dispożizzjoni, is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 5 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mit-21 ta' Diċembru 2015. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

1.3. Eżerċizzju tad-Delega

Il-Kummissjoni ma adottat l-ebda att delegat skont l-Artikolu 5 peress li l-Kummissjoni ma identifikat l-ebda ħtieġa li jiġu emendati l-istandards stabbiliti fl-Annessi I u II. F'dan il-mument il-Kummissjoni m'għandhiex l-intenzjoni li tuża s-setgħa fil-futur qrib. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li jista' jkun meħtieġ li tintuża.

1.4. Konklużjonijiet

L-għoti tas-setgħa ma ntużax, għaliex ma kien hemm l-ebda obbligu legali u lanqas xi ħtieġa li tintuża.